A.L. 35 ta' 1-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' 1-2003 dwar il-Protezzjoni kontra Riskji ta' Korriment tad-Dahar fil-Postijiet tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' 1-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, bil-parir ta' 1-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni kontra Riskji ta' Korriment tad-Dahar fil-Postijiet tax-Xogħol.

Skop.

2. (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu stabbiliti ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol għat-tqandil manwali tat-tagħbija, partikolarment fejn ikun hemm riskju ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema.

(2) Ebda ħaġa f' dawn ir-regolamenti ma għandha żżomm lill-Awtorità milli toħroġ xi ordni lil min iħaddem jew lil xi impjegat f'xi post tax-xogħol jekk fl-opinjoni ta' Uffiċjal ta' 1-Awtorità jkun hemm riskju ta' korriment waqt xi operazzjoni li tkun tinvolvi t-tqandil manwali ta' xi tagħbija.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Att" tfisser 1-Att dwar 1-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"Awtorità" tfisser 1-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, imwaqqfa bis-saħħa ta' l-Att;

"tqandil manwali tat-tagħbija" tfisser kull trasport jew irfiegħ ta' tagħbija, minn ħaddiem wieħed jew aktar, inkluż l-irfiegħ, tniżżil, imbuttar, ġbid, ġarr jew ċaqlieq ta' tagħbija bl-idejn jew bil-forza tal-ġisem, kemm jekk applikata direttament fuq it-tagħbija u kemm jekk indirettament, u li, minħabba fil-karatteristiċi tagħhom jew minħabba f'kundizzjonijiet ergonomiċi mhux favorevoli, jinvolvu riskju partikolari ta' korriment fid-dahar tal-ħaddiema.

Dmirijiet ġenerali.

4. (1) Għandu jkun id-dmir ġenerali ta' min iħaddem li jieħu miżuri ta' organizzazzjoni adatti, jew li jipprovdi 1-mezzi adatti, partikolarment tagħmir mekkaniku, sabiex jiġi evitat il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema kull meta jeżisti riskju ta' korriment, inkluż korriment tad-dahar, bħala riżultat ta' ħidmiet bħal dawk.

(2) Fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri ta' organizzazzjoni adatti, juża 1-mezzi adatti jew jipprovdi lill-ħaddiema b'dawk il-mezzi sabiex jitnaqqas ir-riskju involut fit-tqandil manwali ta' tagħbijiet bħal dawk, u filwaqt li jagħmel dan, għandu jagħti każ sew ta' dak li hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

lżda fejn il-bżonn ta' tqandil manwali tat-tagħbija mill-ħaddiema ma jkunx jista' jiġi evitat, min iħaddem għandu jorganizza stazzjonijiet tax-xogħol b'tali mod li dak it-tqandil kemm jista' jkun isir mingħajr periklu, u għandu, partikolarment:

(a) jevalwa, minn qabel meta jkun raġonevolment prattikabbli, il-kundizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà tat-tip ta' xogħol involut, u għandu partikolarment jeżamina l-karatteristiċi tat-tagħbijiet, filwaqt li jikkunsidra kif imiss il-kontenut ta' Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) jieħu miżuri adatti sabiex jiġi evitat jew imnaqqas ir-riskju, partikolarment dak ta' korriment tad-dahar tal-ħaddiema, filwaqt li jiġu kkunsidrati 1-karatteristiċi ta' 1ambjent tax-xogħol u 1-ħtiġiet ta' l-attività, u filwaqt li jagħmel dan, min iħaddem għandu jkun immexxi skond ma hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Fejn min iħaddem jassenja lil xi ħaddiem xogħol li jkun jinvolvi xi tqandil manwali, u filwaqt li jkun qed iwettaq 1-evalwazzjoni tar-riskji meħtieġa, min iħaddem għandu jikkunsidra x-xorta ta' 1-attività u 1-kapaċitajiet tal-ħaddiem fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll is-saħħa medika tal-ħaddiem biex jagħmel ix-xogħol assenjat:

lżda filwaqt li jkun qed jagħmel dan, min iħaddem għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrit fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Meta jkun qed jassenja xogħol li jkun jinvolvi lil xi ħaddiem fit-tqandil manwali, min iħaddem għandu jagħmel kull arranġament meħtieġ biex tiġi sorveljata s-saħħa tal-ħaddiem kif imiss għar-riskji ta' saħħa u s-sigurtà involuti waqt ix-xogħol ta' tqandil manwali assenjat, u filwaqt li jkun qed jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrit fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda min iħaddem għandu jħalli 1-possibilità lill-ħaddiem, jekk il-ħaddiem ikun hekk irid, li saħtu tiġi sorveljata f'intervalli regolari.

(5) Min iħaddem għandu jieħu 1-miżuri u 1-prekawzjonijiet kollha biex jipproteġi gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju jew li huma vulnerabbli kontra 1-perikli li jaffettwawhom b'mod speċifiku, u filwaqt li jagħmel dan, għandu jikkunsidra kull fattur ta' riskju individwali u rilevanti, skond ma hemm elenkat b'mod mhux għalkollox eżawrit fi Skeda II li tinsab ma' dawn irregolamenti.

Informazzjoni u taħriġ li jingħataw lill-ħaddiema.

5. (1) Il-ħaddiema kollha u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu mgħarrfa bil-miżuri kollha li għandhom jiġu implimentati, skond dawn ir-regolamenti fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom jirċievu indikazzjonijiet ġenerali u, fejn ikun possibbli, informazzjoni preċiża dwar:

- it-toqol tat-tagħbija ,

- iċ-ċentru ta' gravità ta' l-itqal naħa ta' pakkett li jiġi mgħobbi b'mod eċċentriku.

(3) Iktar mill-ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti bis-saħħa ta' regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att, min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jirċievu wkoll taħriġ u tagħrif kif imiss dwar kif iqandlu t-tagħbijiet kif suppost u r-riskji li jkunu esposti għalihom partikolarment jekk dan ix-xogħol ma jsirx kif suppost, waqt li jiġu kkunsidrati Skedi I u II li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

6. Għandu jkun hemm il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u, jew tar-rappreżentanti tagħhom skond ir-Regolamenti ta' 1-2003 dwar Provvedimenti Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Postijiet tax-Xogħol.

Il-piż tal-prova.

7. Fi proċedimenti għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jikkonsisti fin-nuqqas ta' konformità ma' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sakemm dan ikun raġonevolment prattikabbli, għandu jkun 1-akkużat li jġib prova, skond kif ikun il-każ, li ma kienx prattikabbli jew raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jissodisfa xi dmir jew ħtieġa, jew li ma kienx hemm xi mezzi prattikabbli aħjar minn dawk użati biex jissodisfaw dak id-dmir jew dik il-ħtieġa.

Reati.

8. (1) Il-ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha titqies bħala reat.

(2) Kull min xjentement jew bi traskuraġni jindaħal fil-proċess li jiġi pprovdut post tax-xogħol sigur u bla periklu għas-saħħa, ikun ħati ta' reat.

Iħassar ir-regolament 37 ta' 1-A.L. 52 ta' 1-1986.

9. Ir-regolament 37 tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali), qiegħed b'dan jiġi mħassar.

SKEDA I

1. Karatteristiċi tat-tagħbija

It-tqandil manwali ta' tagħbija jista' jippreżenta riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar jekk it-tagħbija:

- tkun tqila wisq jew kbira wisq,
- ma tistax tiġi mqandla sew jew ikun diffiċli biex tinqabad,
- ma tkunx stabbli jew ikun fiha kontenut li jista' jiċċaqlaq,
- tkun qegħda f'pożizzjoni b'mod li jkollha tinżamm jew titqandel minn ċerta distanza mit-tronku, jew b'tagħwiġ jew tidwir tat-tronku,
- tkun tista', minħabba fil-kontorni u, jew fil-konsistenza tagħha, tirriżulta f'korriment għall-ħaddiema, partikolarment fil-każ ta' xi ħabta.

2. Sforz fiżiku meħtieġ

Sforz fiżiku jista' jippreżenta riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar jekk ikun:

- qawwi wisq,
- jinkiseb biss b'moviment ta' tidwir tat-tronku,
- probabbli li jirriżulta f'moviment f'daqqa tat-tagħbija,
- magħmul bil-ġisem f'pożizzjoni mhux stabbli.

3. Karatteristiċi ta' l-ambjent tax-xogħol

Il-karatteristiċi ta' l-ambjent tax-xogħol jistgħu jżidu r-riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar jekk:

- ma jkunx hemm spazju biżżejjed, partikolarment vertikali, biex titwettaq l-attività,
- l-art ma tkunx lixxa, u għalhekk tippreżenta perikli ta' waqgħat, jew tkun tiżloq fejn jidħol xidd-is saqajn tal-ħaddiem,
- il-post tax-xogħol jew l-ambjent tax-xogħol ikun jipprevjeni t-tqandil ta' tagħbijiet f'għoli mhux perikoluż jew f'pożizzjoni tajba tal-ħaddiem,
- ikun hemm varjazzjonijiet fil-livell ta' l-art jew fuq il-paviment fejn isir ix-xogħol, li jkunu jeħtieġu li t-tagħbija tiġi mqandla fuq livelli differenti,
- l-art jew fejn isserraħ is-sieq ma jkunux stabbli,
- it-temperatura, l-umdità jew il-ventilazzjoni ma jkunux kif imiss.

4. Ħtiġiet ta' l-attività

L-attività tista' tippreżenta riskji partikolarment ta' korriment tad-dahar jekk tkun tirrikjedi xi waħda jew iktar minn dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

- sforz fiżiku frekwenti żżejjed jew twil iżżejjed li partikolarment jinvolvi 1-ispina tad-dahar,
- mistrieħ tal-ġisem jew perjodu ta' mistrieħ insuffiċjenti,
- irfiegħ, tniżżil jew ġarr f'distanzi twal eċċessivi,
- rata ta' xogħol imposta bi proċess li ma jistax jinbidel mill-ħaddiem.

(Bl-iskop li ssir analiżi ta' diversi fatturi, tista' ssir riferenza f'daqqa għad-diversi fatturi elenkati fi Skedi I u II).

SKEDA II

Ħaddiem jista' jkun qed jirriskja jekk:

- ma jkunx maqtugħ biex jagħmel ix-xogħol in kwistjoni,
- ixidd ilbies, xidd-is saqajn jew ħwejjeġ personali oħra mhux adatti,
- ma jkollux għarfien jew taħriġ adegwat jew adatt.

(Bl-iskop li ssir analiżi ta' diversi fatturi, tista' ssir riferenza f'daqqa għad-diversi fatturi elenkati fi Skedi I u II).